**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 199/2019PM1**

**Angelo Caminiti**

**Vs**

**Valletta Gateway Terminals Ltd (C38888)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €3317.79 rapprezentanti danni sofferti mill-attur fuq it-Truck BJ285YL fl-incident li gara fl-erbatax ta' Gunju, 2018 ghal-liema accident il-konvenuta kienet responsabbli u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi skontra s-socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li, permezz taghha ddikjarat li t-talbiet imressqa qeghdin jigu kkontestati abbazi tas-segwenti eccezzjonijiet :

1. Illi l-avviz tat-talba huwa null billi r-rikorrent huwa assenti minn Malta u ma hatarx mandatarju specjali ghall-prezentata tal-avviz tat-talba
2. Illi t-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-art. 29(b) tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti, Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati u ma ghandix htija jew responsabilita` fl-incident tal-14 ta' Gunju, 2018 ;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma ghandux responsabilita` fir-rigward tal-kiri ta' vettura alternattiva mir-rikorrenti liema kiri sar ad insaputa tas-socjeta` intimata
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti kellu d-dmir li jrazzan fid-danni u mhux li jkabbarhom specjalment bid-dewmien mahluf minnu li wassal ghal perjodu itwal f'liema ma uzax il-vettura tieghu
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Ra n-nota tas-socjeta` intimata b'anness maghha l-affidavit ta' Doreen Curmi de Gray.

Ra n-nota tal-attur b'anness maghha l-affidavit tieghu u ghadd ta' dokumenti.

Sema' l-kontro-ezami tal-attur.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-seduta tal-lum ghal decizjoni fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza li tirrigwardja talba ghall-kumpens ta' danni allegatament sofferti mill-attur fil-vettura tieghu bhala konsegwenza ta' incident li ghalih, skont l-istess attur, tahti s-socjeta` intimata.

Illi da parti taghha is-socjeta` intimata ressqet zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari. Permezz tal-ewwel eccezzjoni is-socjeta` intimata tikkontendi li l-azzjoni odjerna hija kolpita minn nullita` stante li, skont l-istess socjeta`, ir-rikorrenti huwa assenti minn Malta u kwindi kien tenut jahtar mandatarju specjali ghall-prezentata tal-avviz odjern. Illi permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari l-istess socjeta` intimata tikkontendi wkoll li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-art. 29(b) tal-**Att dwar Portijiet u Bastimenti** (Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz ta'din is-sentenza it-Tribunal ser jiddeciedi dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

Illi mill-aspett prettament legali, jidher li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta`intimata tinsab imsejsa fuq allegazzjoni ta' nullita` tal-att promotur stante l-assenza tal-attur minn Malta ghall-prezentata tal-avviz tat-talba.

Illi f'tali rigward is-socjeta` intimata irreferiet ghad-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Zealand Holdings Inc. v. Amsterdam Trade Bank MV** deciza fid-29 t'April, 2014 li permezz taghha jinsab deciz is-segwenti :

> *Il-Qrati taghna kienu konsistenti dwar il-bzonn li parti jekk mhux prezenti f'Malta trid tkun rapprezentata minn persuna f'Malta u tidher ghaliha (ara* ***Lovers Transportainment BV vs George Smith pro et noe,*** *(PA 25/01/2011; u* ***Avukat Carmelo Castelli pro et noe vs Focal Maritime Services Limited****, App Civ 03/02/2012).* ***Dan ma jfissirx pero` illi jekk parti tinsab sprovista minn rapprezentanza f'Malta, allura dan iwassal immedjatament ghal nullita tal-proceduri. Din in-nullita mhix imposta u anqas tirrizulta mill-ligi.*** *B'daqshekk ma jfissirx pero illi sitwazzjoni simili tista' tithalla jew tigi*

*permessa u l-kawza tkompli miexja. Li kieku l-kwistjoni tar-rapprezentanza tirrigwarda l-konvenut, il-ligi taghti indikazzjonijiet cari dwar x'jista jsir biex il-proceduri jitkomplew ghax wara kollox hu primarjament fl-interess ta' attur li l-proceduri jitkomplew fil-konfront tal-persuna li kontra tieghu tkun saret il-pretensjoni. Il-ligi taghti l-fakolta` tan-nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti. Fil-kaz invers pero`, meta l-attur nnifsu hu assenti, hu fl-interess tieghu sabiex juri l-interess guridiku tieghu li jehtieg li l-atti jigu proceduralment korretti biex jigi sodisfatt l-interess reali tal-istess attur fl-azzjoni u jigi assigurat fost affarijiet ohra illi f'Malta hawn rapprezentant li jista' jipprezenta atti fil-Qorti jew jircievi jew jigi notifikat bl-atti u ordnijiet jew digrieti tal-Qorti u jigu salvagwardati spejjez gudizjarji skond l-artikolu 1005 tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens* ***Commonwealth Educational Society vs Camilleri****, App Inf 2/06/2003). Il-kaz sub iudice mhux wiehed fejn l-attur hu citaddin u enti li tifforma parti minn pajjiz parti mill-Unjoni Ewropea, fejn jistghu jitqajmu argument dwar in-necessita tal-prezenza fizika o meno tal-parti jew rapprezentant taghha, peress li f'dan il-kaz is-socjeta attrici u d-direttur li halef ir-rikors guramentat huma minn barra l-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tqis li l-prezenza f'forma ta' mandatarju hi necessarja ghal prosegwiment tal-kawza biex l-atti jkunu korretti u d-drittijiet u obbligi tal-partijiet jigu salvagwardati pero` l-Qorti ma taqbilx li f'dan l-istadju wara li l-kawza giet prezentata kif trid il-ligi, in-nuqqas ta' mandatarju li jirraprezenta s-socjeta attrici jista jwassal per se ghan-nullita tal-proceduri, ghalkemm jista' xorta jaghti lok ghal provedimenti ohra mill-Qorti biex il-pozizzjoni tigi regolarizzata jew determinata fin-nuqqas.* (enfazi mizjuda)

Illi f'tali rigward it-Tribunal isib li, fl-ewwel lok, ikun opportun li jigi determinat jekk l-attur jistax jitqies bhala assenti minn dawn il-Gzejjer, imqar fil-mument illi fih gew intavolati l-proceduri odjerni. F'tali rigward xehed l-istess attur li f'tali rigward ikkontenda li huwa jirrisjedi Malta u ilu hawnhekk residenti ghal dawn l-ahhar seba' snin. A sostenn tal-posizzjoni legali tieghu huwa ressaq ukoll bhala prova skritturi ta' lokazzjoni rispettivament datati 12 ta' Frar, 2019, 22 ta' Dicembru, 2017 (u ricevuti

relattivi ghall-hlas ta' kera) li juru li matul iz-zmien l-attur kien effettivament qed jikri positijiet f'Malta ghall-iskop tar-residenza tieghu. B'mod partikulari permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 12 ta' Frar, 2019 huwa kera fond f'Ghawdex ghal sitt xhur. In kontro-ezami huwa kompla jishaq li « *jiena nigi hawn peress li jiena nghix hawnhekk b'mod permanenti. Jiena nghix u nahdem hawn Malta. Nghid li jiena ilni nirrisjedi hawn Malta mis-sbatax (17)t'Ottubru elfejn u sittax (2016)*".

Tali xhieda baqghet mhux kontradetta.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li, mill-provi prodotti, jirrizulta li l-attur effettivament kien jirrisjedi f'Malta fil-mument illi fih giet prezentata l-kawza odjerna u cioe` fil-31 ta' Lulju, 2019. Min-naha l-ohra ma tressqet ebda prova li tindika li l-attur kien assenti mill-Gzejjer f'tali zmien, anzi l-provi kollha jidhru li jeskludu proprju dan. Hekk ukoll, skont is-sentenza hawn fuq citata jinsab deciz li, ai fini tal-art. 789 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili,** in-nullita` lamentata mis-socjeta` intimate sakemm tirrigwardja l-hatra ta' mandatarju matul il-kawza "*mhix imposta u anqas tirrizulta mill-ligi*" salv provvedimenti opportuni li jkunu jridu jittiehdu f'kaz li l-assenza tigi pruvata. Mandanakollu kif inghad, fil-kaz odjern irrizulta li l-attur ilu jirrisjedi fil-Gzejjer Maltin ghal diversi snin inkluz iz-zmien kollu relattiv ghall-prezentata tal-kawza odjerna u ghadu hekk residenti. Fil-fatt xehed ukoll f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari kif sollevata mis-socjeta` intimata.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari, is-socjeta` intimata rreferiet ghal dak li jinsab deciz fis-7 ta'Lulju, 2003 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz tal-kawza fl-ismijiet **The Cargo Handling Co. Ltd. v. Messrs John Abela** u cioe` li :

> *Ic-citat artikolu 65 jiddisponi illi "minkejja ddisposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, ma tista' tittiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita` jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet taghhom taht dan l-Att, jew ghal xi telf jew hsara li ssir*

*lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba:-*

*(a) talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu b'mod xieraq mehtiega, ma tinghatax lillAwtorita` jew lill-kuntrattur, skond il-kaz, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati millAwtorita` jew mill-kuntrattur;*

*(b) l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax-il xahar millimsemmija data." L-Artikolu 65 tal-Att li kkreja l-Awtorita` Marittima huwa komplimentari jekk mhux ukoll konsimili ghall-Art 45 ta' dak li kien il-Ports Ordinance 1962. Kif akkolt filgurisprudenza t-terminu ta' tnax-il xahar fl-artikolu suddett kontemplat hu terminu perentorju jew ta' dekadenza. Ara f'dan is-sens decizjonijiet fl-ismijiet "Dr. E. Fenech Adami noe –vs- Col. E. Gatt", Qorti Kummerc, 23 ta' Novembru 1970 u "Avukat Dottor Philip Bianchi nomine –vsAlbert Mizzi et noe", Qorti Kummerc, per Imhallef George Schembri, 6 ta' Marzu 1978. Kif enuncjat fid-decizjoni fl-ismijiet "Giuseppe Sammut – vs-Notaro Edoardo Pellegrini Petit", Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pI p276): "quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza". It-terminu stabbilit fl-Artikolu 65 huwa wiehed intiz biex jehles lill-Awtorita` u lill-kuntrattur taghha bhas-socjeta` appellanti, minn kull riskju ta' proceduri taht l-Att imsemmi, u fic-cirkostanzi hemm prevvisti, jekk l-azzjoni mit-terz ma ssirx fiz-zmien imsemmi ta' tnax il-xahar. Fil-kamp marittimu terminu bhal dan hu wiehed uniformi. Tant li nsibuh fl-Art 3 (6) tal-Hague Rules jew l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kap 140) fil-kaz ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-*

*trasportatur bil-bahar. Huwa wkoll komplimentari ghax-xorta ta' azzjonijiet preskritti flArtikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc.*"

Illi da parti tieghi l-attur jirribatti ghal dan l-argument billi jirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-13 t'April, 2018 fl-ismijiet **Joseph Casha v. Valletta Gateway Terminals Limited**, fejn hemmhekk ukoll gie trattat l-art. 29 tal-Kap 352. Hemmhekk l-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iccirkoskriviet l-applikabilita` tal-imsemmi artikolu ghal sitwazzjoni ta' hsara naxxenti proprju minn responsabilita` li tohrog mill-istess Kap. 352 u mhux ukoll ghal kull culpa akwiljana :

*Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-art. 29 tal-Kap. 352 jolqot sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew il-kuntrattur tagħha jkunu qegħdin* ***jagħtu servizz lil terzi jew jinqdew b'setgħat li tagħti l-istess liġi; jolqot ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur u dawk li jinqdew bis-servizzi tagħhom****, iżda ma jolqotx ukoll ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur tagħha u l-ħaddiema mqabbda minnhom. Ma hemm ebda raġuni għala l-awtorità jew il-konvenut għandhom igawdu posizzjoni privileġġjata f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-inkolumità tal-ħaddiema. (...)*

***Ir-responsabilità tal-appellanti dwar ħatt ta' merkanzija hija parti mir-responsabilità tagħha taħt il-Kap. 352, iżda dik lejn il-ħaddiema mqabbda minnha ma hijiex responsabilità li toħroġ mill-Kap. 352 iżda toħroġ mil-liġi ġenerali dwar responsabilità akwiljana u mil-liġi ġenerali dwar sigurtà fuq il-post tax-xogħol u inkolumità tal-ħaddiema. Il-Kap. 352 japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra" f'dak li huwa regolat mill-istess Kap. 352, u mhux f'materja li ma hijiex regolata bil-Kap. 352.***" (enfazi mizjuda)

Illi l-attur jaghmel referenza ghal Dok. E ezebit a fol. 52 tal-process u cioe` ghal *email* datata 18 ta' Lulju, 2018 fejn rapprezentanta tas-socjeta` intimata tidher li qed tikkomunika mal-avukata tal-attur billi tindikalha liema dokumentazzjoni u

informazzjoni ohra hija mehtiega ghall-ipprocessar tat-talba ghall-hlas u jikkontendi li proprju permezz ta' tali *email* jinsab pruvat li kienet tressqet il-claim relattiva. Tenut kont li l-incident sehh fl-erbatax (14) ta'Gunju, 2018, huwa jikkontendi li t-talba tressqet xahar u erbat ijiem wara l-incident u kwindi entro t-terminu preskritt mil-ligi.

Illi f'tali rigward it-Tribunal jinnota li l-art. 29 tal-**Att dwar Portijiet u Bastimenti** (Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta) testwalment jipprovdi s-segwenti :

*29. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur* ***dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att****, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti,* ***vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment*** *kemm-il darba –*

*(a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;*

*(b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:*

*Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel:*

*Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti.*

Illi fil-kaz in ezami huwa inkontestat li, kif jipprovdi l-istess attur permezz tal-avviz tieghu, il-kawza titratta "*danni sofferti mill-attur fuq it-Truck BJ285YL fl-incident li gara fl-erbatax ta' Gunju, 2018 ghal-liema accident il-konvenuta kienet responsabbli*". Huwa minnu li l-azzjoni odjerna giet intavolata mill-attur fil-31 ta' Lulju, 2019 u cioe` aktar minn sena wara d-data tal-incident imma ma rrizultax pruvat

li din il-hsara hija effettivament rizultat ta' hsara li l-intimata hija jew setghet kienet responsabbli ghaliha skont l-obbligi posti fuqha mill-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta jew li fil-waqt tal-incident il-vettura tal-attur kienet abbord xi bastiment jew meta l-attur kien qieghed altrimenti jinqeda bis-servizzi tas-socjeta` intimata. Fi kliem iehor ma tressqet ebda prova li l-vettura tal-attur kienet xi merkanzija li kienet qed tinhatt skont obbligi posti mill-**Att dwar Portijiet u Bastimenti**. Kif hawn fuq citat, huwa biss f'tali kazijiet li huwa applikabbli t-terminu impost mill-art. 29 u certament mhux fil-kazijiet kollha, minghajr ebda distinzjoni, fejn issir azzjoni kontra kuntrattur taht l-istess Att. Fil-kaz in ezami, minkejja s-seduti u l-opportunitajiet kollha ripetutament moghtija lill-partijiet baqghu ma tressqu ebda provi dwar ic-cirkostanzi li fih sehh l-incident li fih l-attur jghid li sofra hsara fil-vettura tieghu. Certament ma jinsabx pruvat li tali incident sehh f'cirkostanzi li ghalihom japplika l-art. 29. Anzi, l-provi prodotti mill-istess socjeta` intimata jindikaw l-ezistenza u l-involviment ta' vettura ohra (bin-numru ta' registrazzjoni IPB682 – f'dan is-sens l-affidavit ta' Doreen Curmi de Gray) misjuqa minn terz li d-dettalji tieghu m'humiex f'dan l-istadju maghrufa. Kwindi jidher li l-incident sehh bejn il-vettura tal-attur u vettura ohra proprju b'tali numru ta' registrazzjoni proprju meta din tal-ahhar jidher li kienet qed tinsaq minn terza persuna. Konsegwentement it-Tribunal isib li, in vista ta' dak kjarament deciz permezz tas-sentenza hawn fuq citata fl-ismijiet **Joseph Casha v. Valletta Gateway Terminals Limited**, is-socjeta`intimata ma rniexxielhiex tipprova li l-azzjoni odjerna hija wahda li ghaliha tassew japplika l-art. 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, oneru dan li kien kjarament jinkombi fuqha (ara f'dan is-sens **Stencil Pace (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 t'Ottubru, 2003 fost ohrajn: "*Hja regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjonikienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq.* (…) *Iz-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza ghall-azzjoni kif imfassla.*").

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari kif sollevati mis-socjeta` intimata u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**